MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-7 ta' April, 2006

Talba Numru. 1824/2004

**Dolphin Pools (Gozo) Limited (C23309)**

**vs**

**Kevin Zammit u Saviour Chetcuti**

**It-Tribunal,**
Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta Ottubru 2004 fejn intalab li l-konvenuti ghandhom jigu kkundannati solidalment bejniethom ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u hdax il-lira wiehed u tletin centezmu (Lm211.31) rapprezentanti valur ta parts ta swimming pools debitament mibjugha u kkonsenjati lilhom kif jirrizulta minn prospett esebit mmarkat Dok A.
Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legali datata 23 ta Lulju 2004 oltre bl-imghaxijiet legali dekorribbli mis-26 ta Novembru 2003 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni;

Ra n-nota ta cessjoni limitatament ghar-rigward is-sorte prezentata mis-socjeta attrici fit-30 ta Settembru 2005 stante pagament fil-mori tal-kawza;

Ra n-nota ta cessjoni ghar-rigward il-kap ta l-ispejjes fil-konfront biss tal-konvenut Saviour Chetcuti prezentata mis-socjeta attrici fis-17 ta Frar 2006;

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut Kevin Zammit iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tas-17 ta Frar 2006, meta gewipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut Kevin Zammit ihallas lis-socjeta' attrici l-ispejjes ta' dawn il-proceduri kif rikjesti mill-istess socjeta attrici fl-avviz fl-ismijiet premessi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------